MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 29/2010

**Gaetano Spiteri (ID 451333M)**

**vs**

**Kassis Noureddine**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti huwa sid il-fond 7, Triq it-Tafal Bugibba;

Illi dan il-fond jinsab mikri lill-intimat versu l-kera mensili ta’ mija u tletin Euro (€130), liema kera tithallas darba fix-xahar bil-quddiem;

Illi ghalkemm l-intimat debitament notifikat mill-esponenti permezz ta’ zewg ittri ufficjali li jgibu l-istess data tal-25 ta’ Jannar 2010, hu baqa’ ma hallasx il-kera dovuta u dana

ghal aktar minn zewg skadenzi kopja annessa u mmarkata Dok A;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu:

1. Jawtorizza r-ripreza tal-fond 7, Triq it-Tafal Bugibba min ghand l-intimat, u
2. Jipprefiggi lil parti intimat li tizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjes kontra l-intimat. Ingunt in subizzjoni;

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimat kiene notifikat b'dawn il-proceduri izda naqas sia milli jidher kif ukoll milli jaghmel objezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti. Nonostante dan, il-Bord ghadda biex jisma x-xhieda konsistenti fid-deposizzjoni tar-rikorrenti li kkonferma bil-gurament tieghu illi minn meta intavola r-rikors ma kien hemm ebda kambjament fir-relazzjoni bejn il-partijiet senjatament li qatt ma kien avvicinat dwar xi proposta ta' hlas u anqas sar xi hlas mill-kera dovut.

Ir-rikorrenti esebixxa kopja ta' ittra ufficjali spedita mir-rikorrenti indirizzata lill-intimat sabiex dan ihallas l-iskadenza tal-kera mill-1 ta' Ottubru 2008 sal-31 ta' Ottubru 2008 u ohra kwantu ghall-kera mill-1 ta' Novembru 2008 sat-30 ta' Novembru 2008. Minkejja dan, l-intimat baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-intimat huwa moruz fil-hlas tal-kera skond id-dispost tal-artikolu 9(a)(i) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi t-talba tar-rikorrenti timmerita li tkun milqugha u tawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa t-talba.

Bl-sipejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------